**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA tad-9 ta' Frar,2001.**

**Citazzjoni numru 2628/00GC**

John Chetcuti
Vs.
Kishin Mohnani

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur wara li ppremetta:-

Illi l-attur huwa c-censwalist tal-fond "Souvenir Shop" gja Leeben, gewwa Misrah il-Bajja, Bugibba,liema fond l-attur ta' b'titolu ta' sub enfitewsi lill-konvenut permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Ottubru, 1981, ghal-perjodu rimanenti ta' 24 sena;

Illi dan il-fond gie moghti b'sub fens lill-konvenut ta' Elf tmien mija hamsa u ghoxrin lira (Lm1825) fis-sena, pagabbli f'pagamenti rateali indaqs, biss illum zdied kif miftiehem fl-imsemmi kuntratt dan l-ammont ta' sub cens tela' ghal-disa mija tnax il-lira u hamsin centezmi (912.50) kull tlett xhur, pagabbli bil-quddiem li jammontaw ghal-Tlett elef Sitt mija u hamsin liri fis-sena Lm3650);

Illi l-konvenut huwa moruz fil-pagamenti ta' hlas ta' kera fl-ammont ta' Elfejn tnejn u sittin liri u hamsin centezmi maltin (Lm2062.50);

Illi ghalkemm interpellat biex ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti;

Illi dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront tal-attur huwa cert likwidu u skadut ai termini tal-artikolu l67 tal-Kap. L2 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess attur jikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tal-attur il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikkjara il-konvenut debitur tal-attur fis-somma ta' Lm2062.50 u konsegwentement tikkundanna lil-konvenut ihallas lill-attur l-istess somma ta' Lm2062.50c u dana ghar-ragunijiet imsemmija fic-citazzjoni u bl-imghaxijiet legali;

2. Tiddeciedi l-kawza bis-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Art. L67 tal-Kap. L2 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-imghax legali u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru ipprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut, li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attur u id-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa kontumaci u fis-seduta tallum imsejjah tlett darbiet lanqas ma deher;

Peress li fic-cirkostanzi it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tal-attur kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra il-konvenut.

Imhallef

Deputat Registratur